MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 114/2004

**Avviz numru : 114/04 AL**

**Middle Sea Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Vella**

**vs**

**Leonard Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut previa dikjarazzjoni li hu responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Settembru 2000 gewwa l-Mellieha bejn il-Crane AAF 523 misjuq minnu u l-vettura Nissan Vanette, bin-numru ta' registrazzjoni BAV 839 misjuqa minn Joseph Vella u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu, jigi ikkundannat ihallas lis-

socjeta' jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM 2078.71) rapprezentanti danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici Joseph Vella u li ghalihom kellha taghmel front is-socjeta' attrici taht polza tat-tip comprehensive;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni, bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu, 2002 u bl-imghax legali mit-30 ta' Settembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz de quo huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-istess eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, jew nuqqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Joseph Vella, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jehtieg illi tingieb il-prova tad-danni pretizi mis-socjeta' attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti :

1) Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-30 ta' Settembru, 2000 ghall-habta tas-1.30 p.m. fit-Triq il-Palm Mellieha.
2) Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu crane numru ta' registrazzjoni AAF 523 ta' l-ghamla Coles u van numru ta' registrazzjoni BAV 839 ta' l-ghamla Nissan Vanette. Illi l-crane kienet misjuqa minn Leonard Schembri, waqt illi n-Nissan Vanette kienet misjuqa minn Joseph Vella, l-assikurat tas-socjeta' attrici.

Illi skond x-xhieda li instemghet u l-iskitz ipprezentat, l-assikurat tas-socjeta' attrici kien qed isuq fi Triq il-Palm, Mellieha meta skond hu meta wasal hdejn il-crane is-sewwieq tal-crane dawwar il-jib; liema jib baqghet diehla fil-van misjuq minnu.

Illi skond s-sewwieq tal-crane, huwa kien qieghed jahdem bil-crane fi Triq il-Palm u l-van misjuq minn Joseph Vella li kien ghaddej minn Triq il-Palm baqa' diehel fil-crane operata minnu.

Illi l-assigurat tas-socjeta' attrici Joseph Vella xehed illi huwa kien qed isuq fi Triq il-Palm, ra il-crane, in-naha tieghu kienet clear, u x'hin deherlu hu s-sewwieq dawwar il-crane u dahal fil-vettura tieghu. Huwa xehed illi l-crane kienet wieqfa il-hin kollu. Huwa kien qieghed isuq bil-mod hafna u ippreciza li l-ispeed tieghu kien ta' madwar hames kilometri fis-siegha, kemm, kemm jiccaqlaq. Joseph Vella xehed illi Triq il-Palm kienet wieghsa bizzejjed biex jghaddu zewg vetturi minnha fl-istess hin. Huwa ikkonferma illi wara l-crane kien hemm truck fl-istess triq fil-hin ta' l-incident. Joseph Vella xehed ukoll illi meta dahal fi Triq il-Palm il-vizwali tieghu kienet cara u meta dahal fit-triq kien boghod mit-truck u mill-crane it-tul ta' madwar tlett kwarti ta' l-awla tal-Qorti, il-crane kien dritt, izda dar x'hin hu wasal hdejh. Huwa xehed illi jiftakar sew illi l-crane kienet qeghda tahdem fil-hin ta' l-incident u mistoqsi jekk setghax jieqaf peress li kien ghaddej biss bil-hames kilometri fis-siegha irrisponda illi dan ma setghax jaghmlu, ghafas il-break avvolja fl-isketch ma jidhrux break marks u cahad kemm li kien ghaddej b'velocita.

Huwa cahad ukoll illi minhabba t-truck ma rax il-crane u baqa’ diehel go fih.

Illi Leonard Schembri, illi kien qieghed jopera l-crane fil-hin in kwistjoni, xehed illi huwa kien ipparkjat mal-hajt fuq is-side tieghu u qal ukoll illi Joseph Vella gieli dahal f’dik it-triq u gieli ra wkoll il-crane li jopera hu. Is-soltu kien jistennih jahdem qabel ma jghaddi, izda dakinhar tal-incident baqa’ diehel bil-vettura tieghu gol-crane. Schembri xehed illi l-crane kienet ‘stand by’ u setghet iddur il-kontrapiz taghha li idur bil-mod ghaliex li kieku idur bis-salt il-crane jinqaleb. Schembri xehed ukoll illi fil-mument tal-habta kien diga dawwar il-kontrapiz, kien wieqaf u ma kienx qieghed idur. Huwa rega’ tenna illi l-kontrapiz idur bil-mod hafna peress illi jahdem bil-hydraulic u l-process kollu sa kemm idur il-kontrapiz idum tletin sekonda. Schembri ikkonferma li matul il-process kollu ta’ tletin sekonda li idum biex idur il-kontrapiz hu kien il-hin kollu qieghed jara t-triq. X’hin umbaghad il-kontrapiz idur huwa ma jibqax jara t-triq kollha u qal illi Vella, minflok ma ghamel bhas-soltu, u stennih ilesti, qabad u ghadda mit-triq. Schembri xehed illi huwa kellu vizwali tajba tat-triq waqt illi kien qieghed idawwar il-kontrapiz ghaliex it-triq kienet ‘clear’ waqt il-manuvra li hu ghamel.

Illi z-zewg partijiet ikkonfermaw l-sketch hlief ghall-fatt illi fuq l-isketch ma jidhirx it-truck li kien ipparkjat wara l-crane.

Illi xehed David Sammut, permezz tal-procedura tal-affidavit, u qal illi sabiex idur il-kontrapiz hemm trapass facilment ta’ bejn tletin u erbghin sekonda u minhabba f’hekk mhuwiex possibli li l-kontrapiz jikkaguna hafna hsara li kieku kellu jolqot vettura. L-aktar li jaghmel jifqa windscreen. Minhabba f’hekk ukoll qal li mhux possibbli li dan il-kontrapiz idur f’salt. Huwa xehed illi huwa ferm facli illi jekk wiehed ikun ghaddej b’vettura u l-crane ikun qieghed jahdem is-sewwieq tal-vettura zgur jinduna bih, fl-ewwel lok peress li l-crane huwa gholi u ghandu l-jib jipponta lejn is-sema u fit-tieni lok peress illi meta wiehed jara kemm hi twila Triq il-Palm li kieku l-kontrapiz ikun

qieghed idur wiehed ikun jista jarah ferm qabel ma jasal fejn il-crane.

Illi ma sar l-ebda kontro-ezami ta’ dan ix-xhud.

Illi d-danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghalihom l-istess socjeta’ u ghalhekk giet intavolata din il-procedura.

Illi d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici jammontaw komplessivament ghas-somma ta’ elfejn u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM 2078.71).

Ikkunsidrat :

Illi Joseph Vella mhuwiex kredibbli meta jghid illi kien qieghed isuq bil-hames kilometri fis-siegha, aktar u aktar fid-dawl tad-danni konsiderevoli li sofra kawza ta’ dan l-incident.

Illi huwa minnu illi z-zewg partijiet qablu illi t-triq fejn gara l-incident hija twila u hemm vizwali tajba taghha peress li hija triq twila u dritta.

Illi Vella, li kien jghaddi minn dik it-triq regolament u kien jara  il-crane hemm hekk, kellu l-obbligu illi jesplora t-triq sew qabel ma jaqbad u jghaddi minnha.

Illi mill-banda l-ohra l-operatur tal-crane ukoll kellu r-responsabbiltajiet tieghu.  L-operatur tal-crane izda xehed illi huwa kien kompletament wieqaf fil-hin ta’ l-incident peress li kien diga dawwar il-jib qabel ma sehhet il-kollizzjoni.

Illi ghalhekk fl-atti hemm zewg verzjonijiet kompletament konfliggenti u kull wahda minnhom tista tirrizulta plawsibbli u veritjiera.  Il-Qorti tara ghalhekk illi min allega, s-socjeta’ attrici kellha l-oneru tal-prova izda ma issodisfatx lill-Qorti, illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident in dizamina.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talbiet kollha attrici.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mis-socjeta’ attici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------